MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2006

Appell Kriminali Numru. 97/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**
**Vs**

**Edward Chatlani**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, f'hanut bl-isem ta' "Ganesh" li jinsab f'43B Zachary Street, Valletta, fl-24 ta' Marzu, 2005 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:**
**1) iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-**

**mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, bejgh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' basktijiet u accessorji bil-marki tad-ditta Louis Vuitton;**

**2) u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-biegh jew biex iqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil-/jew taht il-ligi ta' Malta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Marzu, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 298(1), 288(B) u l-Artikolu 28A tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati tal-ewwel u t-tieni akkuza w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' erba xhur sospiza ghal sena w ghal multa ta' hames mitt lira Maltija (LM500).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Marzu, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata in kwantu jirrigwarda l-piena mposta w dan billi thassar il-piena mposta mill-Ewwel Qorti w timponi piena pekunjarja anqas harxa minn dik imposta mill-Ewwel Qorti.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti hija harxa wisq meta paragonata mar-reat in kwistjoni. Il-fatturi li l-Ewwel Qorti kkonsidrat li jimmitigaw il-piena kellhom iwasslu ghal piena ferm inqas harxa. Dawn il-fatturi kienu li l-appellant kellu fedina penali nadifa; li kkollabora kompletament u minghajr rizervi mal-Pulizija anki wara l-kawza; li l-**

**valur tal-oggetti huwa zghir hafna; li hu xtara dawn l-oggetti f' pajjiz komunitarju w importhom regolarment f' Malta w li hu ma ghamel ebda uzu mill-marki Louis Vuitton. Illi anki l-prosekuzzjoni kienet irrakkomandat piena simbolika  w kien dan li nduca lill-appellant jammetti l-akkuzi. Li ma kienx hemm bzonn li l-appellant jinghata kemm piena karcerarja (anke sospiza) kif ukoll multa pekunjarja w li fic-cirkostanzi finanzjarji tieghu, multa ta' LM500 taffettwah sostanzjalment.**

**Rat  il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum ;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan hu appell limitat ghall-piena. Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999],** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.).**

Illi z-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant u li taghhom instab hati, wara li giet irtirata t-tielet imputazzjoni fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti, jaqghu fir-rigward tal-ewwel akkuza taht l-artikolu 298 (1) (a) (c) u (f) tal-Kodici Kriminali,  li jipprovdi ghal tlitt xenarji differenti kif tista' tinkiser il-ligi. Il-piena ghal kull wahda minn dawn ir-reati differenti hija l-istess u cioe' dik ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena. Ghalhekk bil-massimu applikabbli ghall-konkors tar-reati, proprjament l-appellant seta' anki gie kundannat ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija (sena ghal reat wiehed piu' sitt xhur ghal kull wiehed miz-zewg reati l-ohra). In

effetti l-Ewwel Qorti applikat il-minimu tal-prigunerija ghal reat wiehed biss u ma applikatx kontra l-appellant ir-regoli tal-konkors tal-pieni, ghax x' aktarx jidher li jew qieset it-tlitt reati differenti kontemplati fl-ewwel imputazzjoni bhala reat wiehed, jew inkella applikat ir-regoli tal-konkors formali jew ideali tar-reati – ghalkemm dan ma qalitux fis-sentenza appellata. Ghalhekk hawn zgur li l-piena karcerarja kienet entro l-parametri legali.

**It-tieni imputazzjoni skond ic-citazzjoni kienet tirriferi ghar-reat kontemplat fl-artikolu 298 B tal-Kodici Kriminali. Dan ir-reat hu punibbli bil-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sena jew multa ta' mhux izjed minn hamest elef lira jew dik il-multa u prigunerija flimkien. F' dan il-kaz jidher li l-Ewwel Qorti applikat biss il-multa fis-somma ta' LM500. Dan ghaliex fil-kaz tal-ewwel imputazzjoni ma kienx possibbli li tinghata piena pekunjarja w ghalkemm l-Ewwel Qorti ma qalitx espressament li l-multa qed tigi erogata ghat-tieni reat, hu prezumibbli li hekk aktarx riedet li jsir *"by elimination".***

**Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' *lapsus* evidenti, l-Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.**

**Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena <u>w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;</u> (App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon" **[20.10.05] u ohrajn)**

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal**

**nuqqas ta' formalita' sostanzjali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata w tiddeciedi l-kaz mill-gdid. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia**" [25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [9.9.2002];** "Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat**" [10.7.2002 u 28.6.2002]** "Il-Pulizija vs. Donald Cilia**" [24.4.2002] u ohrajn)**

**Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal-ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**" [3.2.1995] u ohrajn)**

**Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "*ex officio*", ghalkemm ma jkun hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim.** "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra" **[26.5.1994];** "Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**"** **[6.1.2005];** "Il-Pulizija vs. Stefan Abela**" [2.2.2006] u ohrajn)**

**Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti trid necessarjament tannulla w tiddeciedi mill-gdid dik il-parti tas-sentenza li tirrigwarda s-sejbien ta' htija skond it-tieni imputazzjoni w l-piena relattiva**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mhux preciz l-appellant meta jghid li ghandu kondotta nadifa ghaliex mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta li kien gie kundannat w immultat ghall-ksur tal-ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud b' sentenza tas-16 ta' Settembru, 1997.**

**Illi, apparti dan, din il-Qorti, anki wara li qed tiehu in konsiderazzjoni l-fatturi l-ohra in mitigazzjoni msemmija mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, meta terga tigi biex tiddeciedi mill-gdid il-piena erogabbli ghat-tieni imputazzjoni ammessa mill-appellant, xorta wahda thoss li l-multa ghandha tkun wahda ta' hames mitt lira Maltin (LM500) u cioe' wahda ta' wiehed minn ghaxra (1/10) tal-piena**

**pekunjarja massima possibbli u mhux inqas minn hekk. Dawn huma reati ta' certa gravita' w anki fejn issir ammissjoni, x' aktarx ghaliex l-imputat ikun inqabad "*red handed*", il-piena trid dejjem tirrifletti s-serjeta' w l-gravita' tar-reat in dizamina. Inoltre dwar il-piena erogabbli ghall-Ewwel imputazzjoni l-Ewwel Qorti gja jidher li kienet altru milli miti mall-appellant meta applikat is-*suspended sentence* fuq piena karcerarja minima jew addirittura inqas mill-minimum preskritt mill-ligi.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell kif gej. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata in kwantu, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w kkundannatu erba' xhur prigunerija sospizi ghall-sena a tenur tal-artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tannulla u thassar dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni w fejn ikkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500) u tiddeciedi mill-gdid billi, wara li rat l-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali u fuq ammissjoni tal-istess appellant registrata quddiem l-Ewwel Qorti, issib lill-appellant hati ukoll skond it-tieni imputazzjoni w tikkundannah hames mitt lira multa (LM500) ghal din l-imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------